Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell 62/2017

**William Dingli (appellant)**

**Vs**

**Gozo Channel Operations Ltd (appellata)**

5 ta' Ottubru, 2018.

1. Permezz ta' rikors prezentat fid-29 ta' Novembru, 2016 fit-Tribunal Industrijali, ir-rikorrent talab il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex l-intimata tigi inibita milli:

*"1) Tkompli ghadejja bil-process ta' Internal Vacancy biex timpjega Chief of Security & Senior PFSO; jew*
*2) bi kwalunkwe mod tkecci jew tbiddel unilateralment il-kondizzjonijiet tax-xoghol tar-rikorrent; jew*
*3) Ma tallokax lir-rikorrent ir-rizorsi mehtiega, l-awtorita u l-hin necessarju biex ikun jista' jaqdi d-dmirijiet tieghu bhala PFSO taz-zewg partijiet cioe' tal-Imgarr u tac-Cirkewwa".*

2. L-ghada, l-appellant ipprezenta rikors fit-Tribunal Industrijali fejn ilmenta li:

   i. Kien ilu 'l fuq minn seba' snin impjegat mas-socjeta appellata fil-kariga ta' PFSO ghall-portijiet tal-Imgarr u Cirkewwa;
   ii. Fil-11 ta' Novembru, 2016 harget sejha ghall-hatra ta' Chief of Security and Senior PFSO, u d-dmirijiet jinkludu li l-persuna li tintghazel tkun responsabbli ghad-doveri ta' PFSO;
   iii. B'hekk jekk jintaghzel persuna ohra, ikun ifisser li x-xoghol tar-rikorrent ser jaghmlu haddiehor.

   L-appellant talab lit-Tribunal Industrijali sabiex jiddikjara li:-

*"1. Jiddikjara li s-sejha interna surreferita biex jigi rekrutat Chief of Security and Senior PFSO saret b'mod illecitu, abbuziv u/jew diskriminatorju bil-konsegwenza li hija nulla u bla effett fil-ligi.*

*2.Jiddikjara li s-socjeta konvenuta ghandha taghti l-awtorita kollha mehtiega bil-ligi, kif ukoll toffri r-rizorsi kollha mehtiega bil-ligi lir-rikorrent, biex dan tal-ahhar, ikun jista' jaghmel x-xoghol tieghu bhala PFSO kif suppost.*

*3.Jaghti kull provvediment iehor li jista' jkun mehtieg sabiex jitnehhew l-effetti (passata u futuri) tal-agir u pratici diskriminatorji ai termini tal-istess artikolu 30(2) tal-Ka. 452 tal-Ligijiet ta' Malta".*

3. B'digriet moghti fit-12 ta' Dicembru, 2016 it-Tribunal Industrijali ddikjara li ma kellux il-kompetenza biex jiddeciedi dwar it-talba ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni. It-Tribunal rraguna li l-kompetenza tat-Tribunal kienet limitata ghal dak li jinghad fl-artikolu 75(1) tal-Kap. 452 u li mandati kawtelatorji setghu jinhargu biss minn Qorti.

4. B'rikors prezentat fl-14 ta' Dicembru, 2016 l-appellant talab lit-Tribunal Industrijali sabiex ihassar id-digriet tat-12 ta' Dicembru, 2016 u provizorjament jordna l-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni. B'digriet tat-12 ta' Jannar, 2017 it-Tribunal Industrijali ma laqax it-talbiet tal-appellant.

5. B'rikors prezentat fis-7 ta' Marzu, 2017 l-appellant talab lit-Tribunal Industrijali sabiex izomm lill-appellata milli:

   *"1. Ikecci, jittermina l-impieg, jew ikompli bil-process ta' dixxiplina kontra r-rikorrenti, jew b'kull mod iehor jikkastiga lir-rikorrenti;*

   *2. Jew b'xi mod iehor jiehu xi passi li jistghu jcahhdu lir-rikorrenti mir-rimunerazzjoni lilu spettanti permezz tal-Ftehim Kollettiv vigenti u future bejn l-union li tkun rikonoxxuta u l-kumpannija intimata".*

6. B'digriet tat-8 ta' Novembru, 2017 it-Tribunal Industrijali cahad it-talba tar-rikorrent, *".... Stante illi l-hrug ta' tali mandat ma jaqax taht il-gurisdizzjoni tieghu"*. Dan wara li aghmel riferenza ghal digriet tal-Prim'Awla fir-rikors ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni **Malta Union of Bank Employees vs HSBC Malta plc**, tat-8 ta' Dicembru 2012 fejn il-qorti kkonkludiet li Tribunal Industrijali m'ghandux is-setgha li jqis u jiddeciedi dwar talba ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni.

7. Dakinhar stess id-difensur tar-rikorrent iddikjara li l-appellant kien ser jappella mid-digriet (ara verbal). Id-difensur tal-intimata ddikjara li ma kienx hemm oggezzjoni.

8. B'rikors prezentat fis-16 ta' Novembru, 2017 ir-rikorrent appella quddiem din il-qorti mid-digriet tat-8 ta' Novembru, 2017. L-appellant isostni li t-Tribunal Industrijali ghandu s-setgha li jordna l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni. Fir-rikors tal-appell gie ddikjarat li l-appell sar **skont l-artikolu 229 tal-Kap. 12 u/jew skont l-Artikolu 82(3) tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta**. L-appell hu bazat fuq l-artikolu 77 tal-Kap. 452 li jipprovdi li t-Tribunal Industrijali:

   *".... ikollu dawk is-setgha li bil-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili huma moghtija lill-Qorti Civili, Prim'Awla".*

9. L-appellata wiegbet fejn tat ir-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jkun michud.

10. Il-qorti qrat l-atti li jinkludu nota ta' sottomissjonijiet tal-appellant wara li fis-seduta tat-30 ta' Lulju, 2018 il-qorti qajmet eccezzjoni dwar jistax isir appell minn digriet li jkun cahad it-talba ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni.

11. Il-qorti tibda billi tosserva li d-digriet li nghata fit-8 ta' Novembru, 2017 m'ghandu x'jaqsam xejn mal-artikolu 229 tal-Kap. 12 li jipprovdi dwar digrieti interlokutorju li ghandhom x'jaqsmu ma' kwistjonijiet procedurali li jinqalghu fil-kors tas-smiegh ta' kawza. Mhemmx dubju li digriet dwar talba ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni, mhuwiex digriet interlokutorju.

12. L-artikolu 82(3) tal-Kap. 452 jipprovdi li fil-kaz ta' tkeccija ngusta jew fil-kazijiet li jaqghu taht l-artikolu 75(1)(a) u (b) tal-istess ligi, hemm dritt ta' appell fuq punt ta' ligi. Pero' dik id-disposizzjoni qeghda tipprovdi ghal kazijiet fejn tkun inghatat sentenza jew decizjoni li jkollha x'taqsam mal-kawza *per se*. F'dan il-kaz, hu car daqs il-kristall li r-rikors li pprezenta l-appellant fit-8 ta' Marzu, 2017 kien ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni. Tant hu hekk li ccita l-artikolu 873(1) tal-Kap. 12. Dan jirrizulta wkoll mir-rikors tal-appell fejn l-argument tal-appellant hu li t-Tribunal Industrijali ghandu l-kompetenza sabiex jordna l-hrug ta' mandati kawtelatorji. Fil-fatt l-aggravju tal-appellant hu proprju dak u f'dan il-kuntest aghmel riferenza:

i. ghall-artikolu 77 tal-Kap. 452 u zied ighid, *"Illi dan isegwi li fost is-setghet tieghu,* ***t-Tribunal ghandu wkoll is-setgha li jakkorda hrug ta' mandati kawtelatorji nkluz mutatis mutandis l-Mandat ta' Inibizzjoni****".*
ii. ghas-sentenza tal-Prim'Awla tas-26 ta' Mejju, 1987 fil-kawza **Montalto vs Clews Chairman tat-Tribunal Industrijali et**. Kompla jargumenta li bid-digriet oggett ta' dan l-appell, gie mcahhad mir-rimedji li taghti l-ligi taht l-artikolu 829 tal-Kap. 12. Dik id-disposizzjoni tipprovdi ghall-jedd ta' persuna li titlob ghall-hrug ta' mandat kawtelatorju sabiex tqieghed fiz-zgur il-jeddijiet taghha.

13. Il-qorti zzid li l-fatt li r-rikors kien ipprezentat fl-atti tal-kawza, ma jfissirx li sar parti mill-kwistjoni fil-meritu. Fil-fatt talba ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni hi ntiza biss sabiex ir-rikorrent ipoggi fiz-zgur il-jeddijiet li jippretendu li ghandu bil-hrug ta' att kawtelatorju u xejn iktar.

14. Il-Kap. 12 jikkontempla appelli minn digriet interlokutorji (ara artikolu 229) u appelli minn digrieti kamerali (ara artikolu 173) li wkoll huma digrieti li ghandhom x'jaqsmu ma' procedura. Id-digriet oggett ta' dan l-appell huwa *sui generis*, li minnu ma jirrizultax li l-Kap. 12 jaghti dritt ta' appell. Digriet finali dwar talba ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni m'ghandu x'jaqsam xejn ma' digrieti li jinghataw fl-atti tal-kawza. Il-qorti taqbel ma' dak li nghad mill-

Prim'Awla fis-sentenza **Emanuel Scerri vs Richard Gauci** tat-30 ta' Ottubru 2002, li digriet li jkun laqa' talba ghall-hrug ta' mandat kawtelatorju, "*... ma jtemmx il-kontroversja bejn il-partijiet u lanqas jorbot lill-gudikant, u lanqas ma huwa parti incidentali tal-gudizzju,* ***imma jaghmel biss parti mill-atti tal-Mandat relattiv, u mhux parti mill-atti tal-kawza****, imma jezawrixxi ruhu bil-hrug tieghu".* Ragunament li din l-qorti ma ssib l-ebda raguni ghalfejn m'ghandux japplika wkoll fejn il-qorti tichad it-talba ghall-hrug tal-mandat. Ghaldaqstant, jekk jezisti rimedju mid-digriet tat-8 ta' Novembru 2017, dan mhuwiex permezz ta' appell.

**Ghal dawn il-motivi tiddikjara li l-appell hu null bl-ispejjez kontra l-appellant.**

**Tordna lir-Registratur sabiex jibghat l-atti lura lit-Tribunal Industrijali sabiex jissokta bis-smiegh tal-kawza.**

Anthony Ellul.